MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 1538/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Emanuel Attard u l-istess Emanuel Attard**

**Vs**

**Romina Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm127.50c (mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu) dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lm92.00c (tnejn u disghin lira Maltin) bhala danni kkagjonati fil-vettura tal-attur Emanuel Attard, Lm11.50c (hdax-il lira Maltin u hamsin centezmu) prezz ta' survey, Lm3.00c (tlett liri Maltin) prezz tar-Rapport tal-Pulizija u Lm20.70c (ghoxrin lira Maltin u sebghin centezmu) kwantu ghal telf ta' uzu tal-vettura AAQ 487, u

dan b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fit-18 ta' Frar, 2003 fi Triq San Luqa, Pieta, waqt li l-istess konvenuta kienet qed issuq il-vettura AAQ 621 taghha stess u dahlet gol-vettura misjuqa mill-attur Emanuel Attard bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 487.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie ppresentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' Lm127.50c (mija u sebgha u ghoxrin lira Maltin u hamsin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------